

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 9.6.2009
KUMM(2009) 261 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U L-PARLAMENT
EWROPEW**

**dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għas-simplifikazzjoni u t-titjib tal-Politika
Komuni tas-Sajd**

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U L-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għas-simplifikazzjoni u t-titjib tal-Politika Komuni tas-Sajd

1. IL-KUNTEST

F'Diċembru 2005, il-Kummissjoni adottat il-Pjan ta' Azzjoni 2006-2008 għas-simplifikazzjoni u t-titjib tal-Politika Komuni tas-Sajd (COM(2005)647)¹. Dan il-Pjan għe maħsub bħala kontribuzzjoni għall-inizjattiva tal-Kummissjoni mmirata lejn is-simplifikazzjoni tal-ambjent regolatorju għall-benefiċċju taċ-ċittadini, negozji u amministrazzjonijiet.

Il-Pjan għe eżaminat u appoġġjat mill-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Kumitat Konsultattiv dwar is-Sajd u l-Akkwakultura kif ukoll il-Kunsill tas-Sajd.

L-azzjonijiet elenkati fil-Pjan kienu regolament miżjuda b'dawk imdaħħla fil-Programm Kontinwu ta' Simplifikazzjoni tal-Kummissjoni (SRP – Simplification Rolling Programme), uħud minnhom relatati mas-sajd.

L-Istati Membri ġew infurmati permezz ta' rapporti ta' progress bjennali² dwar l-azzjonijiet meħuda fis-settur tas-sajd taħt l-aġenda ta' regolazzjoni aħjar³. L-inizjattiva kienet magħmula minn azzjonijiet immirati lejn il-kisba ta' testi legali iktar ċari u t-tnaqqis fl-ispejjeż amministrattivi, li tejbju l-kwalità tal-inizjattivi l-ġodda u s-simplifikazzjoni tat-trasferiment tad-dejta.

Issa huwa ż-żmien li jittieħed kont ta' dak li nkiseb sal-lum, bil-ħsieb li jkunu kkunsidrati inizjattivi ġodda u jiġu indirizzati nuqqasijiet possibbli. Tkun ukoll l-okkażjoni ideali biex jitqies x'sar fuq livell nazzjonali dwar is-simplifikazzjoni, peress li regolazzjoni aħjar hija għan komuni tal-Komunità u l-Istati Membri. Madankollu, peress li s-servizzi tal-Kummissjoni rċevew informazzjoni limitata mill-Istati Membri, attwalment mhuwiex possibbli li jirrapportaw dwar ir-riżultati tagħhom⁴.

2. IL-KONTENUT TAL-PJAN TA' AZZJONI

Skont l-għanijiet stipulati fil-Pjan ta' Azzjoni, l-oqsma li ġejjin għandhom jiġu eżaminati f'dan l-istħarriġ:

¹ Ara wkoll il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar *Perspettivi għas-simplifikazzjoni u t-titjib tal-ambjent regolatorju tal-Politika Komuni tas-Sajd* [verżjoni mhux uffiċjali] (COM(2004)820), u d-dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar *Analiżi tal-possibilitajiet li l-ambjent regolatorju tal-Politika Komuni tas-Sajd ikun simplifikat, imtejjeb u implimentat* [verżjoni mhux uffiċjali] (SEC(2004)1596).

² http://ec.europa.eu/fisheries/cfp/simplification/action_plan_en.htm.

³ KE, *Regolazzjoni aħjar – spjegata b'mod sempliċi*, 2006

⁴ Noti ġew trażmessi mir-Repubblika Ċeka u dik Slovakkja.

- l-analiżi tal-korp tal-liġi Komunitarja li għandu x'jaqsam mas-sajd (l-acquis communautaire);
- l-inizjattivi leġiżlattivi ewlenin li ġew adottati sal-lum;
- it-tnaqqis fil-piżijiet amministrattivi imposti fuq is-sajjieda mir-regoli tal-Politika Komunitas-Sajd (PKS).

2.1. L-acquis communautaire

Il-Kummissjoni varat l-analiżi tal-korp tal-liġi Komunitarja sabiex tiddetermina jekk għandhomx jitneħħew jew jiġu kkodifikati għadd ta' atti legali biex tinkiseb leġiżlazzjoni iktar ċara filwaqt li, fl-istess ħin, jitnaqqas l-għadd ta' paġni ta' leġiżlazzjoni fis-sehh⁵.

Id-Direttorju tal-leġiżlazzjoni Komunitarja fis-seħħ jiġbor atti relatati mas-sajd fil-Kapitolu 04. L-għadd ta' atti żdied b'mod kostanti, u sal-1 ta' Marzu 2009, kien hemm 795 att imniżżel fid-Direttorju.

Skala ta' atti legali bħal din f'settur bħas-sajd, li għandu piż ekonomiku limitat u għadd ristrett ta' operatori, tirrikjedi spjegazzjoni. Hemm tliet raġunijiet ewlenin li jikkontribwixxu għal din iċ-ċifra.

L-ewwelnett, hemm il-problema tal-bżonn għal klassifikazzjoni iktar preċiża taħt intestaturi eżistenti ta' xi atti li attwalment huma mniżżla taħt sezzjonijiet differenti tal-Kapitolu 04, u għalhekk iżidu l-għadd totali tal-atti.

It-tieninett, leġiżlazzjoni estensiva attwalment prodotta mill-Organizzazzjonijiet Reġionali tas-Sajd (RFO – Regional Fisheries Organization) tinvolvi t-traspożizzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tagħhom fil-liġi Komunitarja permezz ta' għadd sinifikanti ta' atti legali speċifiċi. Huwa mistenni li dan il-bżonn għat-traspożizzjoni fil-liġi Komunitarja jonqos għaladarba ħafna mir-regoli tal-RFO fil-futur huma diġà fis-seħħ fi ħdan l-UE.

It-tieletnett, uħud mill-atti ma għadx hemm lokhom, jiġifieri ma għandhom l-ebda effett legali għalkemm għandhom fis-seħħ b'mod formali, u għandhom jitneħħew mill-parti attiva tal-acquis. Waqt eżami li twettaq ġew identifikati xi 60 att li ma għadx hemm lokhom. Ir-revoka ta' dawn l-atti ġiet proposta permezz tal-adozzjoni ta' atti legali li għandhom l-istess forma tal-atti li għandhom jiġu rrevokati⁶.

Finalment, l-għadd ta' atti se jitnaqqas għax xi atti ġew kodifikati⁷ jew se jkunu kodifikati⁸, speċjalment wara l-adozzjoni tas-sistema ta' kontroll ġdida tas-sajd li se temenda mhux inqas minn 11-il Regolament.

⁵ COM(2003) 71 u COM(2006) 689.

⁶ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 148/2009 li jirrevoka 11-il Regolament li ma għadx hemm lokhom fil-Politika Komunitas-Sajd, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/309/KE li tirrevoka 13-il Deċiżjoni li ma għadx hemm lokhom fil-qasam tal-Politika Komunitas-Sajd, COM(2009) 88 u 89. Fejn bażi legali ma għadhiex teżisti, l-atti tneħħew permezz ta' dikjarazzjoni tar-rikonoxximent formali tan-nuqqas ta' użu (2009/C 43/02).

⁷ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 696/2008 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 dwar l-estensjoni għal min mhux membru ta' ċerti regoli addottati mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tas-sajd; Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 248/2009 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru

Ir-riżultati ta' dawn l-azzjonijiet għandhom jagħmlu iktar faċli għall-utent, l-aċċess għall-leġislazzjoni relatata mas-sajd. Dan l-għan kien meqjus meta kien hemm il-ħsieb li tiġi inkorporata l-leġislazzjoni fis-seħħ relevanti f'żona tal-baħar speċifika fl-Atlas Ewropew tal-Ibħra⁹, proġett immirat lejn it-tfassil ta' mapep tal-estensjoni spazjali tal-politiki tal-baħar Ewropej. B'għodda bħal din, il-partijiet interessati jistgħu jifhmu malajr l-ostakli legali li jidhru f'xulxin meta wieħed jopera fiż-żoni varji tal-ibħra tal-UE.

2.2. Inizjattivi leġislattivi ewlenin

L-inizjattivi leġislattivi ewlenin imdaħħla fil-*Pjan ta' Azzjoni* u fl-SRP tal-Kummissjoni jikkonċernaw l-oqsma li ġejjin:

- (a) sfruttar razzjonali tar-riżorsi tas-sajd;
 - (b) ġbir ta' dejta relatata mal-attivitajiet tas-sajd;
 - (c) monitoraġġ tal-attivitajiet tas-sajd;
 - (d) għoti ta' għajjnuna pubblika.
- (a) Rigward il-miżuri mmirati lejn is-simplifikazzjoni tat-testi legali li għandhom x'jaqsmu mal-għanijiet ta' konservazzjoni, ġie introdott tibdil f'diversi regolamenti li jiddeterminaw l-iffissar annwali tat-TAC u l-kwoti sabiex daww it-testi jkunu iktar ċari, speċjalment billi jkun hemm reżistenza għall-prattika li jsiru atti b'ambitu wiesa' żżejjed.

Madankollu, l-iktar inizjattiva ta' nota kienet l-introduzzjoni ta' metodu ġdid ta' ħidma għall-preparazzjoni tad-Deċiżjonijiet annwali tal-Kunsill dwar l-opportunitajiet tas-sajd, permezz ta' konsultazzjoni aħjar mal-partijiet interessati u koordinazzjoni aħjar mal-konsulenti xjentifiċi. Ħafna qabel il-proposti legali annwali, il-Kummissjoni issa tippreżenta Komunikazzjoni li fiha *Dikjarazzjoni ta' Politika* dwar l-opportunitajiet tas-sajd għas-sena li ġejja¹⁰. Dan il-metodu ta' ħidma ta' prova li huwa effettiv fit-titjib tar-riżultati, speċjalment permezz tal-konsultazzjoni tal-partijiet interessati dwar il-preparazzjoni ta' testi li huma ta' importanza kbira għall-industrija.

Inizjattiva oħra sinifikanti hija l-Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi¹¹. Dan it-test li gawda minn konsultazzjoni wiesgħa hu maħsub biex jilħaq diversi għanijiet ta' simplifikazzjoni. L-ewwelnett, se jieħu post leġislazzjoni eżistenti li saret diffiċli biex tinqara peress li ġiet emendata ripetutament; it-tieninett għandu jintroduċi miżuri iktar sempliċi u armonizzati maħsuba għad-daqs reġjonali; it-tieletnett se

104/2000 fejn jirrigwarda n-notifiki li jikkonċernaw l-għarfien tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi, l-iffissar tal-prezzijiet u l-intervent fi ħdan l-iskop [fl-ambitu] tal-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura.

⁸ Fil-programm ta' kodifikazzjoni fl-2009 hemm inkluż ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1438/2003 li jippreskrivi regoli ta' implimentazzjoni dwar il-Politika tal-Komunità dwar il-Flotta kif definita fil-Kapitolu III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002.

⁹ SEC(2007)1278, p.8.2.

¹⁰ (COM(2006)499), COM(2007)295 u COM(2008)331.

¹¹ COM(2008) 324.

jagħmel distinzjoni ċara bejn prinċipji ta' gwida li għandhom jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Kunsill; ir-rabanett se jagħti l-adozzjoni ta' regoli purament tekniċi għal kull wieħed mill-erba' reġjuni lill-Kummissjoni u l-ħamesnett se jagħti poteri ta' ġestjoni lill-Istati Membri taħt ċirkostanzi preċiżi. Sfortunatament, l-adozzjoni ta' dan it-test tant mistenni qed jieħu iktar żmien milli mistenni minħabba riservi.

- (b) Il-PKS għandha tkun ibbażata fuq l-aqwa analiżijiet xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi. Għalhekk il-ġbir ta' dejta relatata mal-attivitajiet tas-sajd hija tal-ikbar importanza. Il-qafas Komunitarju eżistenti kellu bżonn jiġi analizzat, bil-ħsieb partikolari li titjieb il-kwalità u tkun promossa l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri. Barra minn hekk l-esperjenza ppruvat li kien essenzjali li l-ġabra ta' dejta rilevanti tkun simplifikata u tkun evitata d-duplikazzjoni. Is-sistema għandha tkun ukoll konsistenti u effikaċi mil-lat ta' nefqa. B'dawn l-għanijiet kollha meqjusa, ġie adottat qafas Komunitarju ġdid¹². Bl-istess mod, ir-regoli implimentati kienu mfassla b'mod li jippermettu t-tnaqqis tal-piż tax-xogħol burokratiku filwaqt li jinkoraġixxu l-użu estiż ta' mezzi elettronici¹³.
- (c) Il-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tal-attivitajiet tas-sajd huma komponent essenzjali tal-PKS. Kienu konċepiti fil-bidunett ta' din il-politika u komplew jżviluppaw minn dak iż-żmien 'l hawn. Għalhekk, mhijiex ta' sorpriża li din il-leġislazzjoni hija kumplessa u għalja ħafna. Is-sistema ta' kontroll hija kumplessa minħabba li, matul is-snin, żdiedu faxex ta' dispożizzjonijiet, ġeneralment mifruxa fuq regolamenti differenti, ħafna drabi ġejjin mil-liġi internazzjonali. Ir-regoli xi kultant jidħlu f'xulxin meta ma jkunx hemm kunflitt bejniethom. Is-sistema eżistenti hija wkoll għalja u ta' piż kemm għall-amministrazzjoni kif ukoll għall-industrija peress li timponi ħafna rekwiżiti amministrattivi.

Reviżjoni profonda tar-reġim ta' kontroll huwa fiċ-ċentru tal-eżerċizzju ta' simplifikazzjoni għall-PKS. Dan il-għan kien meqjus meta ġew proposti miżuri rigward:

- il-kitba mill-ġdid ta' dispożizzjonijiet eżistenti dwar ir-reġim ta' kontroll;
- l-organizzazzjoni tal-ġlieda kontra s-sajd illegali;
- il-promozzjoni tal-użu ta' teknoloġiji moderni;
- il-ġestjoni tal-awtorizzazzjonijiet għas-sajd.

Ir-riżultat mistenni għandu jkun biċċa waħda ta' leġislazzjoni li fiha regoli ġenerali li jiggvernaw l-aspetti kollha tal-kontroll¹⁴ u sistema ġenerali mfassla biex trażżan is-sajd illegali, irrispettivament minn fejn attività bħal din tkun qed isseħħ, waqt li

¹² Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 dwar l-istabbiliment ta' qafas Komunitarju għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' data fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd [tas-Sajd].

¹³ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 665/2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008.

¹⁴ COM(2008) 721. Din l-inizjattiva hija kkwotata fit-Tielet rapport ta' progress dwar l-istrateġija għas-simplifikazzjoni tal-ambjent regolatorju (COM (2009)17, p.8).

jittieħed benefiċċju mill-istandards u t-tekniki l-iktar avvanzati fid-dinja¹⁵. Il-leġislazzjoni l-ġdida tikkonsisti wkoll f'azzjoni kuraġġuża lejn ambjent mingħajr karti għar-reġistrazzjoni u r-rappurtar tad-dejta relatata mal-attivitàjiet tas-sajd¹⁶ u sistema uniformi, simplifikata u faċli għall-utent sabiex tinkiseb l-awtorizzazzjoni għall-attivitàjiet tas-sajd barra l-ilmijiet Komunitarji¹⁷.

Bis-saħħa ta' dawn l-inizjattivi, il-leġislazzjoni saret iktar ċara u konsistenti, u barra minn hekk, l-implimentazzjoni tagħha saret inqas għalja, kif imfisser f'Kapitolu 4.

Fost l-inizjattivi mmirati lejn it-titjib u s-simplifikazzjoni tar-regoli ta' kontroll, għandu jissewma l-Abbozz tar-Regolament tal-Kummissjoni li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-użu ta' Fatturi ta' Konverżjoni (CF - Conversion Factors) tal-ħut tal-Komunità armonizzati fil-bastimenti bil-bandiera tal-Unjoni Ewropea u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2807/83.

Is-CF jintużaw għall-ġestjoni tal-kwota sabiex jikkonvertu l-piż proċessat tal-prodotti tal-ħut fil-piż ħaj tal-ispeċijiet u jintużaw l-iktar biex jassiguraw il-preċiżjoni tar-reġistrazzjoni tad-dejta fil-ġurnali ta' abbord. L-eżistenza ta' CF differenti bejn l-Istati Membri toħloq diffikultajiet u grad ta' inugwaljanza f'termini ta' kontroll u nfurzar. Għalhekk, hemm il-bżonn li s-CF fl-Unjoni Ewropea jkunu simplifikati u armonizzati. Għal dan il-għan, dan ir-Regolament jiddefinixxi s-CF u l-kodiċijiet ta' preżentazzjoni tal-Komunità sabiex ikunu wżati mill-amministrazzjonijiet nazzjonali meta jikkalkulaw it-teħid tal-kwota tagħhom, kif ukoll mill-kaptani tal-bastimenti tas-sajd sabiex jagħmlu stima tal-piż ħaj tal-qabdiet tagħhom abbord il-bastimenti tas-sajd u mal-iżbark.

- (d) Taħt ċertu kundizzjonijiet, in-negozji jistgħu jibbenefikaw minn għajjnuna pubblika li tkun ġejja mill-baġit nazzjonali jew Komunitarju. Sabiex il-leġislazzjoni tkun iktar ċara, l-iktar billi jitnaqqas l-għadd ta' atti legali, il-leġislazzjoni l-ġdida dwar l-istrumenti finanzjarji għas-sajd hija magħmula minn regolament wiehed¹⁸ u r-regoli ta' implimentazzjoni tagħha¹⁹. Barra minn hekk, sabiex l-għoti tal-għajjnuna jkun inqas ta' piż, kontribuzzjoni finanzjara mill-Istati Membri lill-operazzjonijiet kofinanzjati mill-Fond Ewropew għas-Sajd u li huma parti minn programm operattiv, ma għandhiex tgħaddi minn skrutinju rigward il-konformità mar-regoli tal-Komunità dwar l-għajjnuniet mill-istat. Din l-eżenzjoni ġiet reċentement estiża għall-għajjnuna mogħtija mill-Istati Membri fil-kuntest ta' azzjoni speċifika b'appoġġ għall-intrapriżi

¹⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999.

¹⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1966/2006 dwar ir-reġistrazzjoni u r-rappurtar elettroniku tal-attivitàjiet tas-sajd u dwar il-mezzi ta' telerilevament.

¹⁷ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-attivitàjiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità barra mill-ilmijiet tal-Komunità u l-aċċess ta' bastimenti ta' pajjiżi terzi għall-ilmijiet tal-Komunità, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/90 u (KE) Nru 1627/94 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 3317/94.

¹⁸ Ir-Regolament (KE) Nru 1198/2006 tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd.

¹⁹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 498/2007 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd. Bil-ħsieb li l-Istati Membri jiġu megħjuna fi programmi u evalwazzjonijiet elaborati, il-Kummissjoni adottat *Vade mecum* (C(2007) 3812) u żewġ noti (C(2007)2575 u 2578).

milquta mill-kriżi ekonomika kkaġunata mil-livell għoli tal-prezzijiet taż-żejt fl-2008²⁰.

Se jissemmew hawnhekk żewġ inizjattivi li għandhom iwasslu għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri rigward l-appoġġ finanzjarju lin-negozji attivi fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura, meħud mill-baġit nazzjonali. Skont ir-regolament tal-ġajjnuna *de minimis*, l-ġħoti ta' ammont li ġie mġholli għall-massimu ta' EUR 30,000 kull negozju, fuq perjodu ta' tliet snin, ma għandux ikun notifikat lill-Kummissjoni²¹. Barra minn hekk, bis-saħħa ta' regolament ieħor²², ċerti tipi ta' ġajjnuna lill-impriżi li joperaw fil-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd huma eżentati, taħt kundizzjonijiet speċifiċi, mir-rekwiżit tan-notifika minn qabel lill-Kummissjoni, peress li huma meqjusa kompatibbli mal-liġi Komunitarja. Dan l-att jikkonċerna l-impriżi ta' daqs żgħir u medju, jiġifieri kważi l-impriżi kollha tal-UE, u jnaqqas konsiderevolment il-piż amministrattiv.

3. ĠESTJONI TAD-DEJTA

Sabiex is-servizzi tal-Kummissjoni jkunu jistgħu jfasslu miżuri adegwati mmirati lejn il-kisba ta' sfruttar sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni korretta u uniformi ta' daww il-miżuri, huma għandhom jiġbru u janalizzaw sett sinifikanti ta' dejta, li l-biċċa l-kbira tiġi mill-Istati Membri u tkun distribwita matul is-sena. Għalkemm il-progress teknoloġiku tejjeb b'mod drammatiku l-kwalità, u l-ġħoti f'waqtu tal-ġabra tad-dejta, il-ġestjoni ta' ammonti enormi ta' settijiet ta' dejta tirrikjedi titjib sostnut tas-sistemi tal-ġestjoni tad-dejta.

Kien għal din ir-raġuni li, mis-snin disġhin, il-Kummissjoni kienet fuq quddiem fl-introduzzjoni ta' teknoloġiji moderni fis-settur tas-sajd, u ppromwoviet l-użu, l-estensjoni kontinwa u l-aġġornament tagħhom fuq livell nazzjonali, mis-Sistemi tal-Monitoraġġ tal-Bastimenti, għodda b'saħħitha li tippermetti l-kontroll remot tal-attivitàjiet tal-bastimenti.

Il-*Pjan ta' Azzjoni ta' Simplifikazzjoni* poġġa enfasi partikolari fuq l-użu estensiv tal-Infurmazzjoni Teknoloġika, bil-ħsieb li jippromwovi ambjent mingħajr karti, l-iktar fuq ir-reġistrazzjoni u t-trażmissjoni ta' dejta relatata mal-attivitàjiet tas-sajd kif ukoll fuq il-ġestjoni ta' awtorizzazzjonijiet għall-bastimenti tal-UE u li mhumex tal-UE biex jistadu²³. Ġew elaborati mezzi ta' komunikazzjoni speċifiċi u dettaljati, bħas-Sistema Elettronika tar-Rappurtar (ERS) u l-Awtorizzazzjoni għall-Permessi tas-Sajd (FAP). Dawn l-għodda tal-IT għandhom jikkomplementaw daww maħsuba biex jimmaniġġjaw il-ġestjoni tad-dejta relatata mal-flotta, l-attivitàjiet tal-bastiment tas-sajd u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-ħut. In-

²⁰ L-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 744/2008 li jistabbilixxi azzjoni temporanja speċifika maħsuba biex jithegġegħ ir-ristrutturar tal-flotot tas-sajd tal-Komunità Ewropea milqutin mill-kriżi ekonomika.

²¹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 875/2007 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE rigward ġajjnuna *de minimis* fis-settur tas-sajd u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1860/2004.

²² Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 736/2008 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat dwar l-ġajjnuna mill-Istat għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni, fl-ipproċessar u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd.

²³ Kontribuzzjoni finanzjarja sostanzjali mill-Komunità għenet lill-Istati Membri biex jinstallaw strumenti, jiżviluppaw u jaġġornaw l-istruttura teknika tagħhom (il-qafas attwali huwa stipluat fir-Regolament tal-Kunsill Nru 861/2006 li jistabbilixxi miżuri finanzjarji Komunitarji għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd u fil-qasam tal-Liġi tal-Baħar).

networks jistgħu jiġu żviluppati iktar billi jinħolqu rabtiet ma' EDMONET, in-Netwerk Ewropew ta' Osservazzjoni u Dejta tal-Baħar, previst fil-Komunikazzjoni dwar *Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea*²⁴.

4. TNAQQIS TAL-PIŻIJET AMMINISTRATTIVI

Il-ġabra u t-trażmissjoni ta' dejta hija bbażata fuq dispożizzjonijiet stipulati fil-liġi Komunitarja. L-ġhadd ta' dawn l-obbligazzjonijiet ta' rappurtar (RO)²⁵ żdied b'mod kostanti matul is-snin. RO huma sors ta' spejjeż għall-amministrazzjonijiet u l-impriżi u se jitneħħew fejn mhumieħ meħtieġa. Għal dan il-għan, is-servizz tal-Kummissjoni vara analiżi tal-RO li jroħu mil-liġi tal-PKS minn żmien l-adozzjoni tal-*Pjan ta' Azzjoni* bl-għan li jkunu revokati l-RO li ma għadx hemm lokhom, ma hemmx bżonnhom jew għandhom valur limitat. Meta titlesta l-analiżi, dawk l-RO li huma meħtieġa għal raġunijiet ta' politika jew kontroll se jkunu introdotti fi database dedikata u miftuħa għall-Istati Membri (OBONT: Obligazzjoni Fuq in-NeT – Obligation On the NeT). Din l-għodda se tippermetti li kull amministrazzjoni tkun infurmata dwar liema dejta se tittrażmetti lill-Kummissjoni, il-format u f'liema data.

Il-Kunsill Ewropew, fi Marzu 2007, enfasizza l-importanza li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi bħala miżura biex tingħata spinta lill-ekonomija Ewropea. Hu f'fissa l-mira ta' tnaqqis ta' piżijiet bħal dawn mil-leġiżlazzjoni tal-UE b'25% sal-2012²⁶.

Il-PKS għandha tikkontribwixxi għal dan il-għan li huwa mdaħħal fost it-13-il qasam ta' prijorità magħżula mill-Kummissjoni sabiex tgħaddi minn kejl tal-ispejjeż amministrattivi. Is-sistema ta' kontroll tas-sajd²⁷ – li hija bil-wisq u loġikament l-iktar settur importanti f'termini tal-ġhadd ta' RO – intgħażlet għat-tfassil u l-kejl tal-ispejjeż li jroħu mill-RO, bl-użu tal-Mudell Standard tal-Ispejjeż tal-UE (SCM)²⁸. Dan il-mudell huwa essenzjalment ibbażat fuq l-ammont ta' ħin u flus li n-negozji jieħdu u jonfqu meta jkunu qed jikkonformaw mal-obbligazzjonijiet legali biex jipprovdu informazzjoni lill-awtoritajiet pubbliċi jew partijiet terzi (rappurtar, spezzjoni, statistika, eċċ).

Abbażi ta' estimi pprovduti minn konsulent estern, l-RO mitluba mis-sistema ta' kontroll tas-sajd attwali jirriżultaw fi spiża ta' EUR 80 miljun għan-negozji, il-biċċa l-kbira tagħhom konsegwenza tal-mili u l-ġestjoni tal-ġurnali ta' abbord, dikjarazzjonijiet tal-ħatt u noti ta' bejgħ²⁹.

Is-sistema ta' kontroll il-ġdida, li se tkun ibbażata fuq l-użu estensiv ta' teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni u l-użu effiċjenti ta' databases, se twassal għal tnaqqis li jasal sa 30 % tal-ispejjeż attwali tal-piżijiet amministrattivi għall-industrija tas-sajd.

Lil hinn mill-inizjattivi mniżżla fil-*Programm ta' Azzjoni dwar it-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi fl-UE*³⁰, it-tnaqqis fl-ispejjeż fis-settur tas-sajd intlaħaq permezz ta' miżuri

²⁴ COM(2007) 575, p.3.2.3.

²⁵ Dawn huma magħrufa wkoll bħala l-Obbligazzjonijiet ta' Informazzjoni (IO).

²⁶ L-Istati Membri wkoll iffissaw il-miri tagħhom għat-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi ((COM(2009)17, l-Anness 10).

²⁷ Ir-Regolament (KEE) Nru 2847/1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-Politika tas-Sajd Komuni [Politika Komuni tas-Sajd].

²⁸ SEC(2005) 791, aġġornat fl-2006.

²⁹ 22 Stat Membru huma konċernati minn dan il-kejl.

³⁰ COM(2007)23.

oħra. Eżempju ta' miżura magħmula apposta fil-qasam tas-saħħa huwa l-eżenzjoni għall-bastimenti ta' inqas minn 12-il metru li jistadu għall-perjodu ta' inqas minn 24 siegħa, mir-rekwiżit taż-żamma ta' reġistri u l-obbligazzjoni ta' spezzjoni relatata taħt l-iskema tal-HACCP (Analiżi tal-Perikli u l-Punti ta' Kontroll Kritiċi). L-iffrankar li jirriżulta huwa smat għal madwar EUR 14 miljun³¹.

Fit-futur qrib, ġestjoni kompjuterizzata għat-talba u l-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet għas-sajd għall-bastimenti wkoll għandha tirriżulta fi tnaqqis sinifikanti fl-ispejjeż għan-negozji. Barra minn hekk, wieħed mill-għanijiet tar-riforma li ġejja tal-PKS, se jkun it-trażżin tal-bżonn li l-ġestjoni tad-dejta ssir fuq il-livell tal-Kummissjoni³².

5. VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Il-Valutazzjoni tal-Impatt (IA – Impact Assessment) hija proċess immirat lejn ir-ristrutturar u l-appoġġ tal-iżvilupp ta' politiki. L-għanijiet tiegħu huma li jtejjeb il-kwalità tal-proposti tal-Kummissjoni u li jissimplifika l-ambjent regolatorju. Hu għandu jwassal għal proposti li huma proporzjonati mal-ambitu. Għalhekk, irid jittieħed kont tal-impatti probabbli fuq l-oqsma ekonomiċi, ambjentali u soċjali. L-IA jista' jwassal għad-deċizzjoni li l-azzjoni tiġi abbandunata.

16-il inizjattiva relatati mas-sajd għaddew mill-IA, 13 minnhom ġew preżentati għall-iskrutinju tal-Bord tal-Valutazzjoni tal-Impatt, korp konsultattiv maħluq mill-Kummissjoni fl-2006 sabiex jiżgura iktar konsistenza u livell għoli tal-Valutazzjonijiet tal-Impatt. L-opinjoni tiegħu dwar proposti relatati mas-sajd huma ppubblikati³³.

Id-Direttorat-Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd adatta l-istruttura amministrattiva tiegħu sabiex ikun totalment konformi mar-rekwiżiti tal-IA. L-uffiċjali għaddew minn taħriġ speċjali u huma miżmuma aġġornati mal-iżviluppi, sabiex jiżguraw l-aqwa valutazzjoni possibbli ta' kull inizjattiva importanti.

6. KONSULTAZZJONI TAL-PARTIJET INTERESSATI

Il-Kummissjoni hija impenjata biex tinkoraġġixxi iktar involviment ta' partijiet interessanti permezz ta' proċess ta' konsultazzjoni iktar trasparenti, li għandu jtejjeb ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni. Għal dan il-għan, hija tikkonsulta regolarment mal-partijiet interessati tas-settur, l-iktar permezz tal-Komitat Konsultattiv għas-Sajd u l-Akkwakultura (ACFA)³⁴ u l-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali (RACs)³⁵, li minnhom issa hemm 7.

Fejn jidholl l-ACFA, il-Kummissjoni organizzat 49 laqgħa tal-Gruppi ta' Ħidma u 12-il laqgħa plenarja. ACFA ħareġ 21 parir lill-Kummissjoni u 18-il Dokument ta' Riżoluzzjonijiet u

³¹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1243/2007 tal- 24 ta' Ottubru 2007 li jemenda l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli speċifiċi ta' iġene għall-ikel li joriġina mill-annimali.

³² Green Paper – Riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd (COM(2009)163)

³³ http://ec.europa.eu/governance/impact/practice_en.htm.

³⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/478/KE li ġġedded il-Komitat ta' Konsulenza dwar Sajd u Akwakultura.

³⁵ Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE li tistabbilixxi Kunsilli Konsultattivi Reġjonali taħt il-Politika Komuni tas-Sajd

Pożizzjonijiet. ACFA ta wkoll parir orali f'16-il konsultazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni matul dan il-perjodu. Il-linji ewlenin tar-riforma l-ġdida tal-PKS se tkun diskussa minn grupp ad hoc.

Matul l-istess perjodu, il-Kummissjoni organizzat madwar 60 laqgħa tal-RACs, indirizzat medja ta' 10 dokumenti ta' konsultazzjoni kull sena lejhom u rċeviet madwar 250 rakkomandazzjoni.

Minbarra l-konsultazzjonijiet immirati, il-Kummissjoni kkonsultat ukoll b'mod wiesa' lill-partijiet interessati billi tellgħet kwestjonarji fuq is-sit tal-internet tal-Kummissjoni dwar kwistjonijiet bħalma huma l-Politika Marittima, il-ġlieda kontra sajd IUU, il-klieb il-baħar, il-kontroll u l-infurzar tas-sajd u iktar reċentement, il-*Green Paper dwar ir-Riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd*.

7. PJAN TA' AZZJONI

Għalkemm l-obbligi mniżżla fil-*Pjan ta' Azzjoni* intlaħqu, l-isforzi biex l-ambjent regolatorju rigward is-sajd u attivitajiet relatati jkun simplifikat se jkomplu, peress li l-ħidmiet stipulati mill-aġenda ta' regolazzjoni aħjar huma ta' natura permanenti.

Inizjattivi speċifiċi dwar is-simplifikazzjoni tal-PKS se jiddaħħlu fil-Programm li l-Kummissjoni tippreżenta kull sena. Pereżempju, fil-programm tal-2009 tissemma r-reviżjoni tar-regoli li jiggvernaw l-organizzazzjoni tas-suq bil-ħsieb partikolari li titjieb iċ-ċarezza legali u jitnaqqas il-piż amministrattiv permezz tal-użu estensiv tar-rappurtar elettroniku.

L-eliminazzjoni ta' obligazzjonijiet ta' rappurtar bla skop ukoll se jibqa' għan ewlieni kif ukoll il-ġabra mill-ġdid tad-dispożizzjonijiet legali f'inqas atti, filwaqt li titjieb iċ-ċarezza u l-aċċessibbiltà tagħhom.

L-għanijiet ta' simplifikazzjoni se jitqiesu meta tiġi mfassla il-Politika Komuni tas-Sajd riformata, filwaqt li se jitqies ukoll l-impatt tar-regoli proċedurali li t-Trattat ta' Liżbona se jkollu fuq il-proċess leġislattiv.

Il-Kummissjoni tinkoraġixxi lill-Istati Membri jimpenjaw rwieħhom lejn ambjent regolatorju simplifikat, billi jikkancelaw rekwiżiti bla bżonn stabbiliti minn leġislazzjoni domestika u billi jippromwovu l-użu tal-ICT.

ANNESS

Listat tal-atti relatati mal-"Pjan ta' Azzjoni ta' Simplifikazzjoni"

Proposti

- Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jawtorizza lill-Kummissjoni biex tapprova emendi għall-protokoll tal-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd konklużi bejn il-Komunità Ewropea u pajjiżi terzi (COM(2007)595, 15.10.2007);
- Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi (COM(2008)324, 04.06.2008);
- Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (COM/2008/721, 14.11.2008)
- Abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-użu ta' fatturi ta' konverżjoni tal-ħut tal-Komunità armonizzati fil-bastimenti bil-bandiera tal-Unjoni Ewropea u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2807/83 [Verżjoni mhux uffiċjali].

Komunikazzjonijiet

- Komunikazzjoni mill-Kummissjoni għat-titjib fil-konsultazzjoni dwar il-ġestjoni tas-sajd Komunitarju (COM(2006)246, 24.05.2006);
- Dikjarazzjoni ta' Politika mill-Kummissjoni dwar opportunitajiet ta' sajd għall-2007 (COM(2006)499, 15.09.2006);
- Dikjarazzjoni ta' Politika mill-Kummissjoni dwar opportunitajiet ta' sajd għall-2008 (COM(2007)295, 06.06.2007);
- Dikjarazzjoni ta' Politika mill-Kummissjoni dwar opportunitajiet ta' sajd għall-2009 (COM(2008)331, 30.05.2008);
- Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar it-titjib tal-kapaċità tas-sajd u l-indikaturi tal-isforz skont il-Politika Komuni tas-Sajd (COM(2007)39, 05.02.2007);
- Komunikazzjoni mill-Kummissjoni li tistabbilixxi rikonoxximent formali li ċertu numru ta' Atti ta' liġi Komunitarja fil-qasam tal-Politika Komuni tas-Sajd m'għadhomx jgħoddu (ĠU C 43, 21.02.2009, p.2).

Atti tal-Kunsill

- Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/126/KE li tirrevoka d-Direttiva 83/515/KEE u 11-il Deċiżjoni li skadew fil-qasam tal-Politika Komuni tas-Sajd.....;
- Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/409/KE li temenda d-Deċiżjoni 2004/585/KE li tistabbilixxi l-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali taħt il-Politika Komuni dwar is-Sajd [tas-Sajd] (ĠU L 155, 15.06.2007, p.68);

- Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd (ĠU L 223, 15.8.2006, p.1);
- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1941/2006 tal-11 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati għal ċerti ħażniet [stokkijiet] ta' ħut u gruppi ta' ħażniet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku għall-2007 (ĠU L 367, 22.12.2006, p. 1);
- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1966/2006 dwar ir-reġistrazzjoni u r-rappurtar elettroniku tal-attivitajiet tas-sajd u dwar il-mezzi ta' telerilevament (ĠU L 409, 30.12.2006, p.1);
- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 41/2007 tal-21 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi għall-2007 l-opportunitajiet ta' sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati magħhom għal ċerti ħażniet [stokkijiet] ta' ħut u gruppi ta' ħażniet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Komunità u, għal bastimenti Komunitarji, filmijiet fejn huma meħtieġa limiti ta' qbid (ĠU L 15, 20.01.2007, p. 1);
- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 tat-18 ta' Settembru 2007 li jistabbilixxi pjan pluriennali [multiannwali] għall-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 779/97 (ĠU L 248, 22.09.2007, p. 1);
- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 dwar l-istabbiliment ta' qafas Komunitarju għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' *data* fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd [tas-Sajd] (ĠU L 60, 05.03.2008, p.1);
- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u jirrevoka r-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p.1);
- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità barra mill-ilmijiet tal-Komunità u l-aċċess ta' bastimenti ta' pajjiżi terzi għall-ilmijiet tal-Komunità, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/90 u (KE) Nru 1627/94 u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 3317/94 (ĠU L 286, 29.10.2008, p.33);
- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru **xx/2009** li jirrevoka 14-il Regolament li ma għadx hemm lokhom fil-Politika Komuni tas-Sajd....

Atti tal-Kummissjoni

- Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/309/KE li tirrevoka 13-il Deċiżjoni li ma għadx hemm lokhom fil-qasam tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 90, 02.04.2009, p.24);
- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 498/2007 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd (ĠU L 120, 10.05.2007, p.1);

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 875/2007 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE rigward għajnuna *de minimis* fis-settur tas-sajd u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1860/2004 (ĠU L 193, 25.07.2007, p. 6);
- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 696/2008 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 dwar l-estensjoni għal min mhux membru ta' ċerti regoli addottati mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tas-sajd (ĠU L 195, 24.07.2008, p. 6);
- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 736/2008 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat dwar l-għajnuna mill-Istat għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni, fl-ipproċessar u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd (ĠU L 201, 30.07.2008, p. 16);
- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 665/2008 tal-14 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 dwar l-istabbiliment ta' qafas Komunitarju għall-għbir, il-ġestjoni u l-użu ta' data fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 186, 15.07.2008, p.3);
- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1077/2008 tat-3 ta' Novembru 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1966/2006 dwar ir-reġistrazzjoni u r-rappurtar elettroniku tal-attivitajiet tas-sajd u dwar il-mezzi ta' telerilevament u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1566/2007 (ĠU L 295, 04.11.2008, p. 3);
- Ir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 148/2009 li jirrevoka 11-il Deċizzjoni li ma għadx hemm lokhom fil-qasam tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 50, 21.02.2009, p.10);
- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 248/2009 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 fejn jirrigwarda n-notifiki li jikkonċernaw l-għarfien tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi, l-iffissar tal-prezzijiet u l-intervent fi ħdan l-iskop tal-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura (ĠU L 79, 25.03.2009, p.7).